MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1722/1993/1

**Joseph Zahra**

**vs**

**Anthony Spagnol**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa u l-konvenut kienu jaghmlu negozju bejniethom, konsistenti f'xiri, bejgh u tpartit ta' bhejjem, liema negozju kien ilu sejjer ghal-diversi snin;

Illi l-partijiet kienu, kull certu zmien, jaghmlu l-kontijiet bejniethom;

Illi l-ahhar transazzjonijiet fir-rigward ta' bejgh, xiri jew tpartit ta' bhejjem jirrisalu ghal-diversi snin ilu, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-ahhar darba li saru l-konteggi bejn il-partijiet, irrizulta illi l-konvenut huwa debitur tal-attur;

Illi l-konvenut baqa jhallas akkont ta' dak li kien dovut lill-attur sa sena ilu, izda minn dak iz-zmien 'l-hawn waqaf mill-pagamenti akkont u qed jirrifjuta li jkompli jhallas;

Illi l-konvenut fadallu jhallas lill-attur bilanc ta' Lm2679 (elfejn sitt mija u disa u sebghin lira Maltija) rapprezentanti bilanc ta' kapital u imghax mid-data tal-ahhar konsenja;

Illi l-konvenut, ghalkemm gie interpellat biex ihallas, anke permezz ta' ittra ufficjali prezentata fil-l0 ta' Novembru, l993, baqa inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' Lm2679 (elfejn sitt mija u disgha u sebghin lira maltija) bilanc ta' somma akbar, dovuta kif fuq spjegat, bl-interessi kummercjali sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-l0 ta' Novembru, l993 u tal-mandat ta' sekwestru numru 4978/93, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) u/jew 2156(f) tal-Kapitolu l6 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-eccippjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Novembru 1999;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallsu bilanc ta’ elfejn sitt mija u disgha u sebghin lira maltija (Lm2679). L-attur, fic-citazzjoni jippremetti li huwa kien ghal diversi snin jinnegozja mal-konvenut billi kien jixtri, jbiegh u jpartat il-bhejjem. L-attur jippremetti ukoll li l-ahhar li saru l-konteggi kien irrizulta li l-konvenut kien debitur tieghu. Il-konvenut kien waqaf milli jghamel pagamenti xi sena qabel il-presentata tac-citazzjoni;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-azzjoni tal-attur hi preskritta ai termini tal-artikoli 2148(b) u 2156(f) tal-Kapitolu l6 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 2148(b) l-azzjonijiet tal-kredituri ghall-prezz tal-merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax il-xahar. Il-kovenut qed jinvoka ukoll a favur tieghu dak li hemm stipulat fl-artikolu 2156(f) u cioe li l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu li gej minn operazzjonijiet kummercjali, li ma

jiqunx jaqa bi preskrizzjoni aqsar, jaqghu bil-preskrizzjoni ta’ hames (5) snin;

Jirrizulta li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut jinnegozjaw fil-bhejjem. In effett jidher li qabel il-presentata ta’ din il-kawza l-konvenut kien waqaf minn dan in-negozju. Jirrizulta li xi zmien ilu l-partijiet kienu jixtru u jbieghu reciprokament. L-attur jghid li kien hekk jinnegozja mal-konvenut bejn Mejju 1985 u Settembru l987. Jidher li l-ahhar negozju li sehh bejn il-partijiet kien meta l-attur biegh lill-konvenut xi baqar. Jidher ukoll li l-konvenut ma hallax lill-attur f’daqqa izda kien ihallas ratealment. Din il-kawza giet presentata f’Dicembru tal-1993;

In vista ta’ dak li sa issa gie premess u tal-eccezzjoni tal-konvenut li ghandu jigi deciz hu jekk ghaddewx it-termini tal-preskrizzjoni fuq indikati minn meta sar l-ahhar pagament jew minn meta b’xi mod il-konvenut ammetta li kellu jghati lill-attur sa kemm saret din il-kawza;

L-attur ma pproducja l-ebda prova dokumentarja. Huwa pproducja document preparat minnu li huwa prospett li jindika l-pagamenti li, skond hu, saru mill-konvenut. Dan id-dokument, pero’, ma jindikax id-dati ta’ meta saru d-diversi pagamenti. (Vide dokument JZ2 – fol.30). L-attur pero’ kkonferma li l-konvenut ghamel l-ahhar pagament f’Gunju 1993, cioe’ sitt (6) xhur biss qabel il-presentata tac-citazzjoni. L-attur kompla jghid li wara dan l-ahhar pagament huwa kien jmur ghand il-konvenut sabiex jithallas il-bilanc li kien fadal, pero’ l-istess konvenut kien jghidlu biex iserrah rasu ghaliex huwa kien ser jithallas pero’ kien jghidlu ukoll li ghal pagament kellu jghaddi darba ohra. Il-mod kif xehed l-attur f’dan il-rigward hu indikattiv li kienu ghaddew hafna iktar minn sitt xhur bejn meta sar l-ahhar pagament u meta nbdew dawn il-proceduri. In effett l-attur jghid li wara li ghaddew “hafna xhur” u peress li l-konvenut baqa’ ma hallax, huwa ddecida li jiehu passi legali kontra l-konvenut;

Inoltre l-attur mhux daqstant kredibbli. F’dan ir-rigward trid issir referenza ghal dak li jghid l-attur dwar wiehed minn dawk li, skond hu, kienu jakkumpanjawh ghand il-

konvenut biex jigbor il-bilanc, cioe' Alfred Cutajar, u specifikament ghal dak li qal l-attur dwar li kien ihallas lill-istess Cutajar u dwar dak li l-istess Cutajar kien jghinu jghabbi l-bhejjem. Inoltre l-attur jikkonferma li ghad ghandu jiehu minnghand il-konvenut is-somma ta' Lm18l5 meta t-talba fic-citazzjoni hi ghal somma akbar u d-dokumenti li huwa ppresenta kollha jindikaw is-somma skond it-talba;

L-attur izid jghid li fl-okkazzjonijiet meta kien imur ghand il-konvenut huwa kien ikun akkumpanjat minn certu Lawrence Cassar, minn ibnu Michael u gieli kien ikun hemm ukoll Alfred Cutajar. Dawn kollha gew prodotti biex jixhdu f'dawn il-proceduri, pero' ma tantx taw affidabilita'. Difatti jirrizulta li l-imsemmi Alfred Cutajar hu mizzewweg lill-bint l-attur. Dak li qal l-imsemmi Lawrence Cassar kien bla ebda sustanza. Bin l-attur Michael Zahra insista li l-ahhar pagament li ghamel il-konvenut kien ta' Lm100 meta mill-imsemmi document li ppresenta l-attur jirrizulta li l-ahhar pagament kien ta' Lm150;

Minn naha l-ohra l-konvenut naqas li jiddeponi (kif kellu kull dritt li jghamel) izda pproducja biex tixhed lill-ohtu li qalet huha l-konvenut hallas l-ahhar pagament lill-attur ghall-habta tal-1984 jew 1985. Qalet li taf li dan kien l-ahhar pagament peress li sussegwentement l-attur ma regghax mar isib lill-huha ghal xi hlassijiet;

Fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jigi eskluz li l-ahhar pagament il-konvenut ghamlu hafna snin qabel ma giet presentata din ic-citazzjoni. Inoltre ma jirrizultax b'mod sufficjenti li fil-frattemp il-konvenut ammetta li kellu jghati lill-attur. Konsegwentement l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li din l-azzjoni tal-attur hi preskritta ai termini

tal-artikoli minnu citati u b'hekk tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju;

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------